# Żewġ Madonni tal-Karmnu

*Mill-Azzjoni Kattolika f'Għawdex*

*Antoine Vassallo*

Id-darba l-oħra wegħedtkom li se ngħid xi ħaġa dwar ix-Xlendi, bajja tant popolari mat-turisti, mal-Maltin u mal-Għawdxin. Sintendi jien niftakarha sew ferm iktar kwieta, bla elettriku u bil-bini tgħoddu! U x-xatt kien differenti wkoll, b'firxa wiesgħa ta' ramel. Kien rħajjel tas-sajjieda, bosta minnhom mill-ħâra tat-Triq tal-Għajn (illum il-parroċċa tal-Fontana) – u ħallewlna mperrċa statwa tal-patrun tagħhom Sant Indrija.

L-isem Xlendi (li jidher għall-ewwel darba f'dokument ta' nofs is-seklu sittax) probabbli oriġina minn *xelandion* jew *xalandi* – iġifieri mirkeb, riferenza ovvja li kien kunsidrat port kenni.

Xtaqt ninnota tliet binjiet storiċi. Nibda mit-Torri maestuż li xi snin ilu ssemma li se jgħaddi f'idejn Din l-Art Ħelwa biex jippruvaw iżommuh fi stat deċenti – għax ħaqqu min iżuru! Kien bnieh il-Granmastru Lascaris ("Laskri") bħala difiża kontra l-furbani.

Difiża fil-bidu tal-Gwerra l-Bierda nbniet mill-gvern kolonjali fil-forma ta' mitħna taħt l-art (restawrata dis-sena stess) li saru sebgħa oħra fil-gżira ta' Malta. Kien hemm bżonn apparat speċjali mid-ditta Robinson ta' Rochdale fl-Ingilterra: kienet imdaqqsa ġmielha għax pjanata li tesa' – sintendi, għall-grazzja t'Alla, qatt ma ntużat – elf tunellata qamħ.

## Knisja Madonna tal-Karmnu

Qribha hemm il-knisja li taqdi l-bżonnijiet reliġjużi tax-Xlendin, kemm ir-residenti regolari u kemm in-numri mdaqqsa fix-xhur sajfin. Irħama fis-sagristija tinfurmana li nbniet fl-1868 "bil-ħeġġa tan-nutar Niccolò Cauchi" li fil-fatt kellu sehem finanzjarju għat-twaqqif tad-Djoċesi fl-1864, l-istess sena li l-Isqof (Għawdxi) ta' Malta Pietru Pace bierek l-ewwel ġebla (fuq art mogħtija mill-Karmelitani tal-Imdina). Mela ma niżbaljawx niddeskrivu dil-knisja b'faċċata klassikaliġġanti bħala l-ewwel waħda tad-Djoċesi!

Mal-mewt fl-1872 tan-nutar (li ma qagħadx lura biex juża ġidu – anki qabbad lil Klement Busuttil għall-pjanta u lil Salvatore Micallef għat-titular), wirtitu bintu Carolina li għażlet lil Dun Raffaele Cassar bħala l-ewwel rettur. Din Carolina hi magħrufa anki bħala fundatriċi tal-kongregazzjoni tas-Sorijiet Dumnikani li bdiet f'Għawdex fl-



*Il-Knisja tax-Xlendi*



*Il-purcissjoni fil-festa tal-Karmnu.*

1889 u llum imxerrdin f'xi nofs tużżana pajjiżi. Fejn kienu jistrieħu għall-kenn għadu msejjaħ l-"Għar ta' Karolina".

Waqt maltempata fl-1942, sajjetta għamlet ħsara fil-knisja – Wistin Camilleri kellu jirrestawra l-kwadru titulari li juri lill-Madonna b'Ġesù f'idejha tagħti l-iskapular lil San Xmun Stock. Maltempata oħra seħħet fl-1964: ir-rettur ħeġġeġ lix-Xlendin biex jirringrazzjaw li ħelsu mill-għargħar billi jakkwistaw vara tal-Karmnu (minn Milan). Fl-1965 bdiet il-purċissjoni annwali biha. Iktar tard sarulha xi alterazzjonijiet fuq suġġerimenti tal-parruċċani.



*Il-Knisja Madonna tal-Karmnu f'Ta' Ħamet.*



*Il-pittura titulari ta' Tommaso Madiona.*

Fl-1972 l-Isqof Nikol Cauchi fetaħ estensjoni tal-knisja li b'hekk irduppjat fl-ispazju (iżda sfortunatament tilfet l-armonija arkitettonika). U żdiedet statwa fuq iz-zuntier. Iktar riċenti saru sitt kwadri bil-Ferħat Marjani mpittrin minn Joe Cutajar.

## Tal-Karmnu f'Ta' Ħamet

Din mhix l-unika knisja ddedikata lill-Madonna b'dan it-titlu: oħra tinsab fil-kampanja bejn ix-Xewkija, ir-Rabat u x-Xagħra fl-inħawi *Ta' Ħamet.* Inbniet mill-familja ta' Liberato u Rosa Grech b'ringrazzjament lill-Madonna tas-suċċess tar-rewwixta kontra l-Franċiżi (Liberat kien wieħed mill-mexxejja Għawdxin) – u tbierket minn binhom il-Kanonku Salvatore fl-1837 (erba' xhur qabel il-mewt ta' missieru).

Il-kwadru titulari (ta' Tommaso Madiona) tpoġġa fl-1838: jidhru l-Madonna bil-Bambin imdawrin bi gruppi ta' anġli fuq pajsaġġ tipikament Għawdxi, bil-kappella kif kienet qabel ittellgħu ż-żewġ kampnari fl-1958. Din ġiet deskritta bħala pittura ta' ċerta kwalità: grandjuża u gustuża.

Fl-1844 Antonio Falzon pitter kwadru ta' San Mikiel. Artal ieħor għandu bħala titular Kurċifiss tal-istatwarju Wistin Camilleri – fuq sfond minn Antonio Apap. Dax-Xagħri pitter is-saqaf ukoll bil-viżjoni ta' San Xmun Stock u erba' qaddisin Karmelitani fil-pennakli ("kopji" mill-kappella tal-Karmnu fil-bażilika tax-Xagħra).

Fl-1949 inġiebet statwa tal-Madonna ta' Fatima minn hemm stess, imbierka u inkurunata mill-Papa Piju XII. Fil-fatt id-dehriet jiġu ċċelebrati kollha, inklużi pellegrinaġġi biha. U l-Azzjoni Kattolika tiftaħ il-Kampanja annwali favur Ambjent Moralment Nadif u b'Saħħtu f'riġlejha fit-13 ta' Mejju.

Tliet snin wara, l-artal sar tal-irħam (f'Lucca) bil-Madonna bil-Bambin, San Xmun Stock u Sant Elija. L-istatwa tal-injam tal-Madonna tal-Karmnu waslet minn Milan fl-1966.

Minħabba l-art taflija, il-knisja kellha bżonn restawr qawwi; b'xorta tajba, l-idea li tinbena mill-ġdid twarrbet. U, flok tkabbret, ittieħdet deċiżjoni għaqlija li tinbena sala mdaqqsa ma' ġenbha, bis-sagristija bejniethom (fejn hemm imdendel kwadru interessanti qadim tal-Kunċizzjoni). Il-Moviment Ewkaristiku Għawdxi (imwaqqaf fl-1964) jiltaqa' kull lejla fil-knisja oriġinali iżda s-"sala" sservi f'ċelebrazzjonijiet b'konkorrenza aqwa.

Mela żewġ knejjes tal-Karmnu – iżda ma humiex neqsin il-knejjes f'Għawdex li għandhom artal dedikat lill-Madonna b'dat-titlu (u fejn anki jixtered il-Labtu).